



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Mejju 2019  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0064(COD)

---

9400/19  
ADD 2

CODEC 1102  
SOC 367  
EMPL 277  
MI 449  
IA 159

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 ( <b>I-ewwel qari</b> )<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv<br>- Dikjarazzjoni |

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka**

Ir-Repubblika Ċeka minn dejjem kienet u tibqa' sostenitur qawwi tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-libertà tal-istabbiliment, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, u l-prinċipji fundamentali tas-Suq Intern tal-Unjoni Ewropea. Huwa fl-interess tal-Unjoni u l-Istati Membri kollha tagħha li l-leġislazzjoni rilevanti tas-Suq Intern tal-UE tiġi applikata b'mod sħiħ u jitneħħew l-ostakli għall-eżerċizzju effettiv ta' dawk il-libertajiet.

Ir-Repubblika Ċeka hija tal-fehma li l-istabbiliment tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) jista' jikkontribwixxi għall-oġettiv li s-Suq Intern isir ġust u effettiv u b'hekk jiġu implimentati l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Ċeka tappoġġa miżuri li jtejbju l-kooperazzjoni transkonfinali u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol. L-enfasi fuq l-indirizzar tal-abbużi sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema mobbli hija apprezzata ħafna wkoll.

Madankollu, ir-Repubblika Ċeka għandha diversi riżervi rigward it-test finali tar-Regolament.

L-ewwel nett, ir-Repubblika Ċeka jiddispjaċiha li l-entità tal-UE li għadha kemm ġiet stabbilita ma tissejjaħx "aġenzija". Dan ikun iġġustifikat bis-sħiħ minħabba l-fatt li għandha tkun irregolata u operata f'konformità mal-prinċipji tad-*Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012* li teħtieġ – biex tiġi evitata l-konfużjoni fost iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati – li jintuża terminu standard "aġenzija".

Fir-rigward tal-ambitu u n-natura tal-attivitajiet tal-Awtorità, ir-Repubblika Ċeka dejjem emmnet li l-kompitu ewlieni tal-Awtorità għandu jkun li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-kooperazzjoni volontarja tagħhom bil-għan li jkun hemm applikazzjoni u infurzar effettivi tad-dritt tal-Unjoni relatat mal-mobbiltà tax-xogħol. Tali kooperazzjoni għandha tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-applikazzjoni u l-infurzar tad-dritt rilevanti tal-Unjoni. L-Artikolu 1 tar-Regolament jirrifletti dan il-prinċipju.

Madankollu, id-dispożizzjonijiet miftiehma dwar spezzjonijiet konġunti u miftiehma jidhru li huma ambigwi f'dan ir-rigward u jistgħu jwasslu għal interpretazzjonijiet differenti fir-rigward tal-firxa tal-kompetenzi tal-Awtorità u tal-Istati Membri.

Kwalunkwe spezzjoni konġunta għandha titwettaq fost l-oħrajn bil-kundizzjoni ta' konformità mal-kriterju ta' effiċjenza, li huwa wieħed mill-aspetti li l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jivvalutaw meta jikkunsidraw il-partekipazzjoni tagħhom fl-ispezzjoni konġunta jew miftiehma. Għalhekk, ir-Repubblika Ċeka tifhem li dawn id-dispożizzjonijiet ma jimponu l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri biex jipparteċipaw fi spezzjoni miftiehma jew konġunta, u lanqas ma jobbligawhom li jellaboraw fil-fond u jiġġustifikaw ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħhom fi spezzjonijiet konġunti jew miftiehma.

Ir-Repubblika Ċeka taqra d-dispożizzjoni korrispondenti tar-Regolament bħala li tippermetti lill-Istati Membri fejn titwettaq l-ispezzjoni biex jiddeterminaw b'mod awtonomu r-rwol u l-istatus tal-uffiċjali minn Stat Membru ieħor li jkunu qed jieħdu sehem fi spezzjoni konġunta. Spezzjonijiet miftiehma u konġunti organizzati taħt l-awspiċċi tal-ELA ma għandhomx jissostitwixxu u lanqas jimminaw il-kompetenzi nazzjonali.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-proċedura ta' medjazzjoni, ir-Regolament jistipula b'mod korrett li dan huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 883/2004. Madankollu, ir-Regolament tal-ELA ma jipprovdi biżżejjed salvagwardji rigward il-prevenzjoni tad-dupliċità tal-attivitajiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali u tal-Awtorità. B'hekk, ir-Repubblika Ċeka tappella għal Ftehim ta' Kooperazzjoni li jenfasizza r-rwol tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali sa fejn hu l-aktar possibbli.